MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2078/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti *ex lege* ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jiffurmaw is-*syndicates* bin-numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780 u Rausi Insurance Agency Limited u Antonio Deguara**

**Vs**

**Emanuel Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija w erba' u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm394.21c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura DBG 821, proprjeta' ta' Antonio Deguara, assigurata taht polza *comprehensive* ma' l-atturi, b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Gunju 2002 waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-karozza tieghu FAV 531.

Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta Risposta, u naqas milli jidher ghall-ebda wahda mis-seduti ta' dan it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' John Tabone u ta' Bradley Deguara.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li Bradley Deguara kien qed isuq il-vettura DBG 821 (proprjeta' ta' missieru, l-attur Antonio Deguara) fi Triq Franton, ir-Rabat, Malta u f'daqqa wahda l-vettura FAV 531 harget minn pozizzjoni ta' *parking* u dahlet fil-karreggjata tal-karozza misjuqa mill-imsemmi Deguara u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Qabel mal-konvenut hareg mill-pozizzjoni ta' *parking* ma ta l-ebda sinjal jew indikazzjoni li se jaghmel tali manuvra.

Mir-*Road Accident Report* jirrizulta li wara l-incident is-sewwieqa rrakontaw il-verzjonijiet taghhom ta' kif sehh l-incident lil PS 489 George Attard. Dan ir-rapport huwa prova li ntqal dan id-diskors pero, in mankanza ta' korroborazzjoni idonea, ma tikkostitwix prova tal-kontenut innifsu.

Il-verzjoni ta' Bradley Deguara giet sostnuta f'dawn l-atti.

Mir-*Road Accident Report* hemm indikat li l-konvenut qal lill-pulizija li huwa kien hiereg minn fejn kien parkeggjat u kif hareg ra l-vettura DBG 821 tiela'. Hu jghid li waqaf izda l-karozza l-ohra baqghet tiela' ghax id-driver l-iehor kien qed ihares lura. Din id-dikjarazzjoni ma gietx sostenuta fil-provi mressqa quddiem it-Tribunal.

Anzi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal jirrizulta li l-incident in kwistjoni sehh unikament responsabbilta' tal-konvenut li hareg mill-pozizzjoni ta' *parking* minghajr m'ghamel *proper lookout*, minghajr ma ta indikazzjoni preventiva li se jaghmel hekk u minghajr m'accerta ruhu li

jista' johrog minn tali pozizzjoni minghajr ma jkun ta' xkiel jew hsara ghat-traffiku.

Fir-rigward tal-*quantum*, id-danni mitluba jinsabu pruvati mix-xhieda ta' John Tabone u jirrizulta li effettivament il-vettura in kwistjoni tappartjeni lil Antonio Deguara li bhala assigurat hallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150) bhala *excess*.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma mitluba ta' tlett mija w erba' u disghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm394.12c).

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------